KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 2545

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 171 tal-14 ta' Novembru 2023 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**INVESTIGAZZJONIJIET PENDENTI QUDDIEM IL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**27. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-ISPEAKER: Jista' l-Ispeaker** jgħid kemm-il talba għall-investigazzjoni għandu pendenti quddiemu l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika? Jista' jgħid, mingħajr ma jindika l-isem u d-dettalji tal-persuni involuti, dwar xiex inhi kull waħda mill-investigazzjonijiet? Jista' jindika għal kull waħda mill-investigazzjonijiet jekk hix qiegħda ssir b'inizjattiva tal-Kummissarju nnifsu, jew inkella wara li l-istess Kummissarju rċieva allegazzjoni bil-miktub?

23.09.2023

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** B'referenza għall-mistoqsija tal-Onor. Interpellant, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika informani illi sat-13 ta' Novembru 2023, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kellu 29 ilment jew talba għal investigazzjoni pendenti.

Kien hemm 27 ilment pendenti fit-8 ta' Marzu 2023, meta l-Kummissarju preżenti assuma l-kariga tiegħu. Minn dakinhar sal-lum daħlu 25 ilment ġdid. Minn dawn kollha s'issa ġew riżolti 23 ilment.

Mid-29 ilment li huma pendenti quddiem il-Kummissarju, 11 huma taħt investigazzjoni u 18 huma fl-istadju ta' konsiderazzjoni preliminari, jiġifieri l-Kummissarju għadu qed jikkunsidra jekk jimmeritawx investigazzjoni ulterjuri jew le.

Barra minn hekk, il-Kummissarju għandu investigazzjoni waħda għaddejja li nbdiet fuq l-inizjattiva tiegħu u għaldaqstant ma tikkorrispondi ma ebda lment.

B'mod ġenerali, l-ilmenti pendenti jallegaw dan li ġej:

- għemil ta' stqarrijiet pubbliċi jew risposti għal domandi parlamentari li ma jikkorrispondux mal-verità;
- imġiba ħażina marbuta ma' dikjarazzjonijiet tal-assi;
- abbuż minn riżorsi jew beni pubbliċi;
- abbuż mill-kariga jew abbuż ta' poter;
- nepotiżmu;
- konflitt ta' interess u xogħol privat mhux permess; u
- stqarrijiet pubbliċi mhux xierqa.

Ma jistgħux jingħataw aktar dettalji dwar investigazzjonijiet pendenti minħabba dak li jipprovdu l-artikoli 18(1) u 21(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta).

Seduta 171
14.11.2023